VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,589, 10 ta' Ġunju, 2016
Taqsima B

A.L. 214 tal-2016

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2016 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-Income) (Ir-Repubblika tal-Ażerbajġan)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2016 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Ir-Repubblika tal-Ażerbajġan).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") saru mal-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tar-Repubblika tal-Ażerbajġan:

(i) it-taxxa fuq l-*income* ta' persuni fiżiċi; u

(ii) it-taxxa fuq il-profitti ta' persuni legali;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett wara li jidħol fis-seħħ il-Ftehim u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim;

(ċ) illi l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun mħabbra b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 2364

SKEDA

Artikolu 2

FTEHIM BEJN
IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA
U
IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-AŻERBAJĠAN
GĦALL-EVITAR TA' TAXXA DOPPJA U L-PREVENZJONI
TA' EVAŻJONI FISKALI DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*

Il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan billi jixtiequ jippromwovu r-relazzjonijiet ekonomiċi bilaterali bejn iż-zewġ pajjiżi permezz ta' Ftehim għall-evitar ta' taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, ftehmu kif ġej:

Artikolu 1

PERSUNI KOPERTI

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

Artikolu 2

TAXXI KOPERTI

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* imposti f'isem Stat Kontraenti jew is-sottodiviżjonijiet territorjali-amministrattivi jew l-awtoritajiet lokali tiegħu, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxa fuq l-*income* it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali, jew fuq elementi ta' *income*, inklużi taxxi fuq il-qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli, u taxxi fuq l-ammonti totali ta' pagi jew salarji mħallsa minn impriżi.

3. It-taxxi eżistenti li dwarhom japplika dan il-Ftehim huma partikolarment:

(a) fil-Repubblika tal-Ażerbajġan:

(i) it-taxxa fuq l-*income* ta' persuni fiżiċi; u

(ii) it-taxxa fuq il-profitti ta' persuni legali

(hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa tal-Ażerbajġan");

(b) f'Malta:

VERŻJONI ELETTRONIKA

it-taxxa fuq l-*income*;

(hawn iżjed ’il quddiem imsejħa "it-taxxa ta’ Malta").

4. Dan il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li tiġi imposta wara d-data meta jiġi ffirmat il-Ftehim b’żjieda mat-taxxi eżistenti jew minflokhom. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b’kull tibdil sinifikanti li jkun sar fil-liġijiet dwar it-taxxi tagħhom.

Artikolu 3

TIFSIRIET ĠENERALI

1. Għall-għanijiet ta’ dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort’oħra:

(a) il-frażi "Ażerbajġan" tfisser ir-Repubblika tal-Ażerbajġan, inklużi s-settur tal-Baħar Kaspju (Lag) li jippartjeni għar-Repubblika tal-Ażerbajġan, l-ispazju tal-ajru fuq ir-Repubblika tal-Ażerbajġan, li fihom id-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan jiġu implimentati fir-rigward tas-sottoswol, ta’ qiegħ il-baħar u tar-riżorsi naturali, u kull area oħra li kienet jew li tista’ tkun aktar ’il quddiem stabbilita skont id-dritt internazzjonali jew il-leġislazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan;

(b) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta’ Malta u, meta tiġi użata f’sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta’ Malta, il-Gżira ta’ Għawdex u l-gżejjer l-oħra tal-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull area ta’ qiegħ il-baħar, is-sottoswol tiegħu u l-kolonna ta’ baħar sovrajaċenti li tinsab adjaċenti mal-ibħra territorjali, li fihom Malta teżerċita drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni, jew kontroll kif hemm fid-dritt internazzjonali u l-liġi nazzjonali tagħha, inkluża l-leġislazzjoni tagħha għar-rigward tal-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

(ċ) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru l-Ażerbajġan jew Malta, skont ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem;

(d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, skema ta’ investiment kollettiv, kumpannija u kull korp ieħor ta’ persuni;

(e) il-frażi "kumpannija" tfisser kull korp magħqud jew kull entità li tkun ittrattata bħala korp magħqud għall-iskopijiet ta’ taxxa;

(f) il-frażijiet "impriża ta’ Stat Kontraenti" u "impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża ġestita minn residenti ta’ Stat Kontraenti u impriża ġestita minn residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport permezz ta' bastiment jew inġenji tal-ajru mħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji tal-ajru jkunu unikament imħaddma bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(h) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) fl-Ażerbajġan: il-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru tat-Taxxi;

(ii) f'Malta: il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(i) il-frażi "ċittadin", rigward Stat Kontraenti, tfisser:

(i) kull individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat Kontraenti;

(ii) kull persuna ġuridika, soċjetà jew assoċjazzjoni li jiksbu l-istatus tagħhom bħala tali mil-liġijiet li jkunu fis-seħħ f'dak l-Istat Kontraenti.

2. Dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim f'kull waqt minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira mogħtija lilha li jkollha f'dak il-waqt taħt il-liġi ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li dwarhom ikun japplika l-Ftehim, hekk li kull tifsira taħt il-liġijiet tat-taxxa li jkunu japplikaw ta' dak l-Istat tkun tipprevali fuq tifsira mogħtija lil dik il-frażi taħt liġijiet oħra ta' dak l-Istat.

Artikolu 4

RESIDENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, tkun soġġetta għat-taxxa fih minħabba fid-domiċilju, ir-residenza, il-post ta' inkorporazzjoni, il-post tal-maniġġ tagħha jew kull kriterju ieħor ta' xorta bħal dawk, u tinkludi wkoll dak l-Istat u kull sottodivizjoni territorjali-amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu. Din il-frażi, madankollu, ma tinkludix lil xi persuna li tkun soġġetta għat-taxxa f'dak l-Istat biss dwar *income* minn għejjun f'dak l-Istat.

2. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-Istat Kontraenti li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati, huwa għandu jitqies li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jkun residenti biss tal-Istat li miegħu jkunu l-aktar marbuta r-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu (ċentru ta' interessi vitali);

(b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jkunx jista' jiġi stabbilit, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti f'xi Stat wieħed jew l-ieħor, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-Istat li fih ikun soltu jirrisjedi;

(ċ) jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-Istat li jkun ċittadin tiegħu;

(d) jekk huwa ċittadin taż-żewġ Stati jew ta' ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim reċiproku bejnithom.

3. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura dik il-persuna għandha titqies bħala residenti biss tal-Istat fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv tagħha.

Artikolu 5

STABBILIMENT PERMANENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa n-negozju ta' impriża għalkollox jew f'parti minnu.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" b'mod speċjali tinkludi:

(a) post ta' maniġġ;

(b) fergħa;

(ċ) uffiċċju;

(d) fabbrika;

(e) ħanut tax-xogħol;

(f) stallazzjoni, struttura jew bastiment jew kull post ieħor użat għall-esplorazjoni ta' riżorsi naturali; u

(g) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

3. Il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha titqies li tinkludi:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) sit fejn ikun qed jittella' bini, proġett ta' kostruzzjoni jew installazzjoni, jew attivitajiet superviżorji relatati magħhom, biss jekk dak is-sit, proġett jew attivitajiet idumu għal iżjed minn 12 (tnax)-il xahar;

(b) l-għoti ta' servizzi, inklużi servizzi ta' konsulenza, minn impriża permezz tal-impjegati tagħha jew persunal ieħor ingaġġat mill-impriża għal dak l-għan, izda biss jekk l-attivitajiet ta' dik ix-xorta jkomplu (għall-istess proġett jew xi wieħed konness miegħu) għal perjodu jew perjodi li b'kollox iġibu iżjed minn 6 (sitt) xhur matul xi perjodu ta' 12 (tnax)-il xahar.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, il-fraži "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) l-użu ta' faċilitajiet bl-iskop uniku ta' ħżin, wiri jew tqassim ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu jappartjenu lill-impriża;

(b) iż-żamma ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta' ħżin, wiri jew tqassim;

(ċ) iż-żamma ta' ħażna ta' oġġetti jew ta' merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta' ipproċessar minn impriża oħra;

(d) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju bl-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew ta' merkanzija jew ta' ġbir ta' tagħrif, għall-impriża;

(e) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju bl-iskop uniku li tiġi ġestita għall-impriża, kull attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

(f) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju unikament biex tkun tista' ssir xi kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi (a) sa (e), sakemm l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn dik il-kombinazzjoni tkun waħda ta' xorta preparatorja jew awżiljarja.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, meta persuna - li ma tkunx aġent bi status indipendenti li għaliha japplika l-paragrafu 6 - tkun qegħda taġixxi f'isem impriża u jkollha, u tkun abitwalment teżerċita, fi Stat Kontraenti l-awtorità li tagħmel kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat għar-rigward ta' kull attività li dik il-persuna tagħmel għall-impriża, sakemm l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 illi, jekk dawn jiġu eżerċitati minn ġo post tan-negozju fiss, ma jkunux jirrendu lil dak il-post tan-negozju fiss bħala stabbiliment permanenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

6. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, impriża ta' assigurazzjoni ta' Stat Kontraenti għandha, ħlief fir-rigward ta' ri-assigurazzjoni, titqies li għandha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor kemm il-darba tiġbor *premiums* fit-territorju ta' dak l-Istat l-ieħor jew tassigura riskji f'dak l-Istat permezz ta' persuna barra minn aġent bi status indipendenti li għalih

VERŻJONI ELETTRONIKA

japplika l-paragrafu 7.

7. Impriża ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Kontraenti biss minħabba li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qegħdin jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom. Iżda, meta l-attivitajiet ta' aġent bħal dak ikunu mogħtija kollha jew kważi kollha f'isem dik l-impriża, u jsiru jew jiġu imposti bejn l-impriża u l-aġent kundizzjonijiet li kieku ma jkunux jsiru bejn impriżi indipendenti, hu ma għandux jitqies bħala aġent ta' status indipendenti kif mifhum f'dan il-paragrafu.

8. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

Artikolu 6

INCOME MINN PROPRJETÀ IMMOBBLI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura jew mill-ħidma fil-boskijiet) li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobbli" għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti fejn tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura u fil-ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà tal-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu, depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti u inġenji tal-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, il-kiri, jew l-użu b'kull mod ieħor ta' proprjetà immobbli.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal *income* minn proprjetà immobbli ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli wżata għat-twettiq ta' servizzi personali indipendenti.

Artikolu 7

PROFITTI MINN NEGOZJU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu intaxxati biss

VERŻJONI ELETTRONIKA

f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tkunx tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom daqs kemm tkun attribwibbli lil dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom jiġu attribwiti f'kull Stat Kontraenti lil dak l-istabbiliment permanenti l-profitti li dan kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet jew simili għalihom u li tkun tittratta għalkollox b'mod indipendenti mal-impriża li tkun stabbiliment permanenti tagħha.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis l-ispejjeż (ħlief għall-ispejjeż li ma kienux ikunu jistgħu jiġu mnaqqsa jekk dak l-istabbiliment permaneneti kien impriża separata ta' Stat Kontraenti) li jsiru għall-għanijiet tal-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jkunu saru, kemm jekk isiru fl-Istat li fih ikun jinsab l-istabbiliment permanenti sew band'oħra.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti fuq bażi ta' tqassim tal-profitti totali tal-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 m'għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim hekk kif tista' tkun il-konswetudni; il-metodu ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, isir b'tali mod li r-riżultat ikun kif iridu l-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artikolu.

5. Ebda profitti ma għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f'li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi ta' qabel, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti għaliex dan m'għandux isir.

7. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li jkunu qegħdin jiġu trattati separatament f'Artikoli oħra ta' dan il-Ftehim, għaldaqshekk id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Artikoli ma għandhomx jintlaqtu bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 8

TBAĦĦIR U TRASPORT BL-AJRU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

2. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, il-profitti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom jinkludu wkoll:

(a) profitti mill-kiri ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru mħaddma fi traffiku internazzjonali; u

(b) profitti mill-użu, manutenzjoni jew kiri ta' *containers* fi traffiku internazzjonali (inklużi *trailers* u tagħmir relatat għal ġarr ta' *containers*,

kemm il-darba dawk it-tip ta' attivitajiet ikunu supplimentari jew inċidentali għat-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru fi traffiku internazzjonali.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw ukoll għall-profitti minn parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija b'operat internazzjonali.

Artikolu 9

IMPRIŻI ASSOĊJATI

1. Meta

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, il-kontroll jew il-kapital ta' impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, il-kontroll jew il-kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kundizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmulin bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li, kieku ma kienx għal dawk il-kundizzjonijiet, kienu jakkumulaw favur xi waħda mill-impriżi, iżda, minħabba f'dawk il-kundizzjonijiet, ma jkunux ġew hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u jiġu intaxxati skont hekk.

2. Meta Stat Kontraenti ikun jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat - u skont hekk jintaxxa - profitti li fuqhom impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor tkun

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti li jiġu hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinkisbu mill-impriża tal-Istat l-ewwel imsemmi li kieku l-kundizzjonijiet magħmulin bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kieku kienu jsiru bejn impriżi indipendenti, allura dak l-Istat l-ieħor jista' jagħmel tibdil adatt fl-ammont tat-taxxa hemm imposta fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit dak it-tibdil, id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim għandhom jitqiesu kif imiss u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jekk ikun hekk meħtieġ jikkonsultaw lil xulxin.

Artikolu 10

DIVIDENDI

1. Id-dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk id-dividendi jistgħu jiġu intaxxati ukoll fl-Istat Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li qed tħallas id-dividendi tkun residenti u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda

(a) meta dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti tal-Ażerbajġan lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju ta' dawk id-dividendi, it-taxxa tal-Ażerbajġan li għandha hekk titħallas m'għandhiex tkun iżjed minn 8 fil-mija tal-ammont gross tad-dividendi;

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tal-Ażerbajġan li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross tad-dividendi m'għandhiex tkun iżjed minn dik li titħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

Dan il-paragrafu m'għandux jaffettwa t-tassazzjoni tal-kumpannija rigward il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

3. Il-fraži "dividendi" skont ma tintuża f'dan l-Artikolu tfisser *income* minn ishma, ishma "jouissance" jew drittijiet "jouissance", ishma fil-minjieri, ishma tal-fondaturi jew jeddijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, li jipparteċipaw fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi oħra li jingħata l-istess trattament dwar it-taxxa bħallikieku kien *income* minn ishma skont il-liġijiet tat-taxxa tal-Istat fejn tkun residenti l-kumpannija li tkun qegħda tqassam.

4. Il-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx ikunu japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li l-kumpannija li tħallas id-dividendi tkun residenti tiegħu permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew tkun twettaq f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti

VERŻJONI ELETTRONIKA

minn bażi fissa sitwata hemmhekk, u l-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi fissa. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jew tal-Artikolu 14, skont kif ikun il-każ, għandhom japplikaw.

5. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief sakemm dawk id-dividendi jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew sakemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkun effettivament konness ma' stabbiliment permanenti jew bażi fissa li jkun jinsab f'dak Istat l-ieħor, lanqas ma jista' jassoġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

Artikolu 11

MGĦAX

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dak l-imgħax jista' wkoll jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn dan joriġina u kif hemm fil-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk is-sid benefiċjarju ta' dak l-imgħax ikun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa hekk mitluba m'għandhiex tkun iżjed minn 8 fil-mija tal-ammont gross tal-imgħax.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, imgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti għandu jkun eżentat mit-taxxa f'dak l-Istat Kontraenti kemm il-darba:

(a) min iħallas l-imgħax ikun il-Gvern ta' dak l-Istat Kontraenti jew sottodiviżjoni territorjali-amministrattiva jew awtorità lokali jew il-Bank Ċentrali tiegħu;

(b) l-imgħax jitħallas lill-Gvern tal-Istat Kontraenti l-ieħor jew sottodiviżjoni territorjali-amministrattiva jew awtorità lokali jew il-Bank Ċentrali tiegħu;

(ċ) min jiċċievi l-imgħax ikun istituzzjoni finanzjarja li tkun għalkollox proprjetà tal-Gvern tal-Istat Kontraenti l-ieħor.

4. Il-fraži "mgħax" kif tintuża f'dan l-Artikolu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk assikurati b'ipoteka sew jekk le u kemm jekk ikollhomx dritt li jipparteċipaw fil-profitti tad-debitur kemm jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew obbligazzjonijiet, inklużi *premiums* u rigali relatati ma dawk it-titoli, *bonds* jew obbligazzjonijiet. Ħlasijiet ta' penali għall-ħlas tardiv ma jitqiesux bħala mgħax

VERŻJONI ELETTRONIKA

għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tal-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk, jew ikun iwettaq f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi fissa li tkun tinsab hemmhekk, u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti jew dik il-bażi fissa. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jew tal-Artikolu 14, skont kif ikun il-każ, għandhom japplikaw

6. Jitqies li jinqala' mgħax fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun residenti ta' dak l-Istat. Madankollu, meta l-persuna li tkun qegħda tħallas l-imgħax, kemm jekk din tkun kemm jekk ma tkunx residenti ta' Stat Kontraenti, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi fissa li f'konnessjoni miegħu jkun oriġina d-debitu li fuqu jitħallas l-imgħax, u dak l-imgħax jiġġarrab minn dak l-istabbiliment permanenti jew bażi fissa, għaldaqstant dak l-imgħax għandu jitqies li jinqala' fl-Istat fejn ikun sitwat l-istabbiliment permanenti jew bażi fissa.

7. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont tal-imgħax, meta tiġi kkunsidrata l-pretensjoni ta' debitu li dwarha tħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju tal-imgħax li kieku ma kienx hemm dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli kif hemm fil-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 12

ROYALTIES

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk ir-*royalties* jistgħu jiġu intaxxati ukoll fl-Istat Kontraenti fejn dawn joriġinaw u kif hemm fil-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties* ikun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa hekk mitluba m'għandhiex tkun iżjed minn 8 fil-mija tal-ammont gross tar-*royalties*.

3. Il-frażi "*royalties*" skont ma tintuża f'dan l-Artikolu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jiġu riċevuti bħala korrispettiv għall-użu ta', jew għall-jedd tal-użu, ta' kull dritt tal-awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi *films* ċinematografiċi, *software* ta' kompjuter, kull privattiva, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, jew għall-użu, jew id-dritt għall-użu, ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku jew għal informazzjoni dwar konoxxenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor fejn jinqalgħu r-*royalties* permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk, jew ikun iwettaq servizzi personali indipendenti minn bażi fissa li tkun tinsb hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi fissa. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jew tal-Artikolu 14, skont kif ikun il-każ, għandhom japplikaw.

5. Ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fi Stat Kontraenti meta min iħallashom ikun residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, il-persuna li tkun qegħda tħallas ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk ma tkunx, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi fissa li dwaru jkun ittieħed l-obbligu li jitħallsu r-*royalties*, u dawk ir-*royalties* ikunu r-responsabbilita' ta' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi fissa, allura dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fl-Istat fejn ikunu jinsab l-istabbiliment permanenti jew bażi fissa.

6. Meta, minħabba fir-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, meta jiġi kkunsidrat x'ikun l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju tar-*royalties* li kieku ma kienx hemm dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw biss għall-aħħar imsemmi ammont. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skont il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 13

QLIGĦ MINN KAPITAL

1. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli imsemmija fl-Artikolu 6 u li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tappartjeni lil bażi fissa li tkun disponibbli lil residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jew dik il-bażi fissa, jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

3. Qligħ li jinkiseb minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

bastimenti jew inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin jiġu mħaddma fi traffiku internazzjonali jew minn proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta' dawk il-bastimenti jew inġenji tal-ajru, għandu jiġi intaxxat biss f'dak l-Istat.

4. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' ishma li jkollhom aktar minn 50 fil-mija tal-valur tagħhom ġej direttament jew indirettament minn proprjetà immobbli li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

5. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà, ħlief dik imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4, għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat Kontraenti li min jittrasferixxi jkun residenti fih.

Artikolu 14

SERVIZZI PERSONALI INDIPENDENTI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' xorta indipendenti għandu jiġi intaxxat biss f'dak l-Istat, ħlief fiċ-ċirkostanzi li ġejjin, meta dak l-*income* jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor:

(a) jekk huwa jkollu bażi fissa li tkun regolarment disponibbli għalih fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jwettaq l-attivitajiet tiegħu; f'dak il-każ, ikun biss daqstant mill-*income* daqs kemm ikun attribwibbli għal dik il-bażi fissa li jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor; jew

(b) jekk huwa jkun joqgħod fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal perjodu jew perjodi li b'kollox ikunu jammontaw jew jeċċedu 183 gurnata f'xi perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena kalendarja inkwistjoni; f'dak il-każ, ikun biss daqstant mill-*income* daqs kemm jinkiseb mill-attivitajiet li jsiru f'dak l-Istat l-ieħor li jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi l-aktar attivitajiet indipendenti ta' xorta xjentifika, letterarja, artistika, edukattiva jew ta' tagħlim kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta' tobba, avukati, inginiera, arkitetti, dentisti, *accountants* u awdituri.

Artikolu 15

INCOME MINN IMPJIEG

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 16, 18 u 19, is-salarji, il-pagi u kull kumpens ieħor bħal dawk li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impjieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impjieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg li jkun eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) min jirċevih ikun joqgħod fl-Istat l-ieħor għal perjodu jew perjodi li b'kollox ma jkunux ta' iżjed minn 183 ġurnata f'kull perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena ta' taxxa involuta, u

(b) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti fl-Istat l-ieħor, u

(ċ) il-kumpens ma jkunx ta' piż fuq stabbiliment permanenti jew bażi fissa li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, kumpens li jinkiseb minn impjieg eżerċitat abbord xi bastiment jew inġenji tal-ajru mħaddma fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat.

Artikolu 16

DRITTIJIET TAD-DIRETTURI

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet simili oħra li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-bord tad-diretturi jew kull organu simili ta' kumpannija li tkun residenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

Artikolu 17

ARTISTI U SPORTIVI

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14 u 15, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti bħala persuna li tagħti spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-*films* ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħal mużiċisti, jew bħal sportivi, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali li jiġu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta *income* dwar attivitajiet personali eżerċitati minn persuna li tagħti spettaklu jew minn sportiv fil-kapaċità tiegħu bħala tali ma jingħabarx favur il-persuna li tagħti spettaklu jew l-isportiv innifsu iżda favur xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7, 14 u 15, jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn jiġu eżerċitati l-attivitajiet tal-persuna li tagħti spettaklu jew tal-isportiv.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 18

PENSJONIJIET

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 19, il-pensjonijiet u kull kumpens ieħor bħal dawk li jitħallsu lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'xi impjieg li jkun sar qabel għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

Artikolu 19

SERVIZZI TAL-GVERN

1. (a) Salarji, pagi u kull kumpens ieħor bħal dawk mħallsin minn Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni territorjali-amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat, sottodiviżjoni jew awtorità għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

(b) Madankollu, kull salarju, paga u kumpens ieħor bħal dawk għandhom jiġu intaxxati biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat u:

(i) jkun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat unikament bil-għan li jagħti dawk is-servizzi.

2. (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, pensjonijiet u kumpens ieħor bħal dak mħallsa minn, jew li jsir minn fondi maħluqa minn, Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni territorjali-amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

(b) Madankollu, dawk il-pensjonijiet u kumpens ieħor simili għandhom jiġu intaxxati biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti ta' dak l-Istat l-ieħor u ċittadin tiegħu.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15, 16, 17 u18 għandhom japplikaw għal salarji, pagi, pensjonijiet, u kumpens ieħor bħalhom għar-rigward ta' servizzi mogħtijin f'dak li għandu x'jaqsam ma' kummerċ ġestit minn Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni territorjali-amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu.

Artikolu 20

STUDENTI

Ħlasijiet li student jew apprendist fin-negozju li jkun jew kien minnufih qabel iżur Stat Kontraenti residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun preżenti fl-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Istat l-ewwel imsemmi unikament għall-għan tal-edukazzjoni jew taħriġ tiegħu jirċievi għall-għan tal-manteniment, edukazzjoni jew taħriġ tiegħu m'għandux ikun intaxxat f'dak l-Istat, sakemm dawk il-ħlasijiet jinqalgħu minn għejjun li jkunu barra dak l-Istat.

Artikolu 21

INCOME IEĦOR

1. Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, u li ma jkunux ittrattati fl-Artikoli ta' qabel ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għall-*income*, ħlief għall-*income* minn proprjetà immobbli msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 6, jekk minn jirċievi dak l-*income*, li jkun residenti ta' Stat Kontaenti, ikun imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab fih, jew ikun iwettaq f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi fissa li tkun tinsab fih, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* jkun marbut effettivament ma' dak l-istabbiliment pemanenti jew bażi fissa. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jew tal-Artikolu 14, skont kif ikun il-każ, għandhom japplikaw.

Artikolu 22

ELIMINAZZJONI TA' TAXXA DOPPJA

1. Fl-Ażerbajġan, it-taxxa doppja għandha tiġi evitata kif ġej:

Meta residenti tal-Ażerbajġan jikseb *income* li, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jista' jiġi intaxxat f'Malta, allura l-Ażerbajġan għandu jippermetti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti, ammont li jkun daqs it-taxxa fuq l-*income* li tħallset f'Malta;

Dak it-tnaqqis m'għandux, madankollu, ikun aktar mill-ammont ta' taxxa kif ikkalkulata fuq dak l-*income* skont il-liġi u r-regoli tat-taxxa tal-Ażerbajġan.

2. Fil-każ ta' Malta, it-taxxa doppja għandha tiġi eliminata kif ġej:

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar *allowance* ta' kreditu fir-rigward tat-taxxa ta' Malta dwar taxxa barranija, meta, kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ikun hemm inkluż fi stima ta' Malta *income* minn għejjun ġewwa l-Ażerbajġan, it-taxxa tal-Ażerbajġan fuq dak l-*income* għandha tingħata bħala kreditu fir-rigward tat-taxxa ta' Malta relattiva li titħallas fuqu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 23

EBDA DISKRIMINAZZJONI

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti m'għandhom jiġu assoġġettati fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal ebda tassazzjoni jew ebda ħtieġa li tkun konnessa ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-taxxa u l-ħtiġiet konnessi li għalihom iċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari għar-rigward ta' residenza, ikunu jew jistgħu jkunu assoġġettati. Din id-dispożizzjoni għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1, tapplika wkoll għal persuni li mhumiex residenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn li huma.

2. Persuni apolidi li jkunu residenti ta' Stat Kontraenti m'għandhom jiġu assoġġettati f'xi Stat Kontraenti għal ebda taxxa jew ebda ħtieġa li jkollha x'taqsam ma' dan li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-taxxa u ħtiġiet li jkollhom x'jaqsmu li dwarhom iċittadini tal-Istat ikkonċernat fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari għar-rigward ta' residenza, huma jew jistgħu jkunu assoġġettati.

3. It-taxxa fuq stabbiliment permanenti, li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor m'għandhiex tinġabar b'mod inqas favorevoli f'dak Istat l-ieħor mit-taxxa miġbura fuq impriżi ta' dak l-Istat l-ieħor li jkunu qed iwettqu l-istess attivitajiet. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex titqies li tobbliga xi Stat Kontraenti li jagħti lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor xi *allowances* personali, ħelsien u tnaqqis għall-għanijiet ta' tassazzjoni li jingħata minħabba l-istatus ċivili jew responsabbiltajiet ta' familja li jagħti lir-residenti tiegħu.

4. Ħlief meta japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 9, tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 11, jew tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 12, mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jitħallsu minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, għall-fini li jiġu stabbiliti x'inhuma l-profitti taxxabbli ta' dik l-impriża, jiġu mnaqqsa taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku dawn kienu tħallsu lil residenti tal-Istat l-ewwel imsemmi.

5. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun għalkollox jew f'parti minnu proprjetà jew taħt il-kontroll, sew dirett sew mhux dirett, ta' xi residenti wieħed jew aktar tal-Istat Kontraenti l-ieħor, ma għandhom ikunu assoġġettati fl-Istat l-ewwel imsemmi għal ebda taxxa jew għal ebda ħtieġa konnessa ma' dan li tkun xort'oħra jew ta' iktar piż mit-taxxa u mill-ħtiġiet konnessi li għalihom ikunu jew jistgħu jkunu assoġġettati impriżi simili tal-ewwel imsemmi Stat.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2, japplikaw għat-taxxi ta' kull tip u għamla.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 24

PROĊEDURA TA' FTEHIM REĊIPROKU

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wiehed jew taż-żewġ Stati Kontraenti jirriżultawlha jew jistgħu jirriżultawlha f'taxxa li ma tkunx skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, hi tista', irrispettivament mir-rimedji provduti mil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, tippreżenta l-każ tagħha quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti fejn hi tkun residenti jew, jekk il-każ tagħha jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 tal-Artikolu 23, quddiem dik tal-Istat Kontraenti li hi tkun ċittadin tiegħu. Il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin mill-ewwel avviż tal-azzjoni li tirriżulta f'taxxa li ma tkunx skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tipprova, jekk l-oġġezzjoni tkun tidhrilha bħala waħda ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku mal-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata taxxa li ma tkunx skont il-Ftehim. Kull ftehim milħuq għandu jiġi implimentat minkejja kull skadenza ta' terminu fil-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jippruvaw jirrisolvu permezz ta' ftehim reċiproku kull diffikultà jew dubbju li jistgħu joriġinaw dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Huma jistgħu ukoll jikkonsultaw ma' xulxin bl-iskop li tiġi eliminata taxxa doppja f'każijiet li ma jipprovdix għalihom il-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin, inkluż permezz ta' kummissjoni konġunta li tkun tikkonsisti minnhom stess jew mir-rappreżentanti tagħhom, bil-għan li jintlaħaq ftehim fis-sens tal-paragrafi ta' qabel.

Artikolu 25

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun prevista bħala rilevanti għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew għall-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġijiet domestiċi dwar it-taxxi ta' kull tip u għamla imposti f'isem l-Istati Kontraenti, jew is-sottodiviżjonijiet territorjali-amministrattivi jew l-awtoritajiet lokali tagħhom, sakemm it-taxxa li taqa' taħthom ma tmurx kontra l-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-Artikoli 1 u 2.

2. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta taħt il-paragrafu 1 minn Stat Kontraenti għandha tiġi ttrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni li tinkiseb taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jkollhom x'jaqsmu mal-istima jew il-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, id-deċizjoni ta' appelli dwar it-taxxi msemmija fil-paragrafu 1, jew it-tħaris ta' dak hawn qabel imsemmi. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuh jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

3. F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali tal-amministrazzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti jew tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tkun tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess kummerċjali, jew informazzjoni, li meta din tiġi żvelata tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

4. Jekk tintalab xi informazzjoni minn Stat Kontraenti skont dan l-Artikolu, l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu juża l-mezzi li jkollu għall-ġbir tal-informazzjoni biex jikseb l-informazzjoni mitluba, ukoll jekk dak l-Istat l-ieħor jista' ma jkollux bżonn dik l-informazzjoni għall-finijiet tiegħu ta' ġbir ta' taxxa. L-obbligu li jinsab fis-sentenza ta' qabel hu soġġett għal-limitazzjonijiet tal-paragrafu 3 iżda dawk il-limitazzjonijiet m'għandhom f'ebda każ jiftiehmu bħala li jħallu lil xi Stat Kontraenti li jonqos milli jagħti xi informazzjoni biss għaliex ma jkollu ebda interess domestiku f'dik l-informazzjoni.

5. F'ebda każ ma għandhom il-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 jiftiehmu bħala li jħallu lil Stat Kontraenti jirrifjuta milli jipprovdi informazzjoni biss għaliex dik l-informazzjoni tkun qegħda tinżamm minn xi bank, minn xi istituzzjoni finanzjarja oħra, minn xi *nominee* jew minn xi persuna li tkun qegħda taġixxi f'xi kapaċità ta' aġent jew fiduċjarju jew għaliex ikollha x'taqsam ma' xi interessi dwar proprjetá f'xi persuna.

Artikolu 26

MEMBRI TA' MISSJONIJIET DIPLOMATIĊI U KARIGI KONSULARI

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali tal-membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew ta' kariġi konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 27

EMENDI

B'kunsens reċiproku tal-Istati Kontraent emendi li jsiru permezz ta' Protokolli separati u li jkunu kkunsidrati parti integrali ma' dan il-Ftehim jistgħu jsiru għal dan il-Ftehim. Il-Protokolli msemmija fl-ewwel sentenza għandhom jidħlu fis-seħħ skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 28 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 28

BIDU FIS-SEĦĦ

1. L-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin billi jibagħtu avviż bil-miktub permezz ta' kanali diplomatiċi, li r-rekwiżiti legali meħtieġa mill-leġislazzjoni nazzjonali biex jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ikunu ġew kompluti. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta jiġi riċevut l-aħħar avviż.

2. Il-Ftehim għandu jkun applikabbli dwar taxxi fuq l-*income* li jinkisbu matul xi sena kalendarja jew perjodu ta' kontijiet, skont kif ikun il-każ, li tibda fi jew wara wara l-ewwel jum ta' Jannar li jaħbat minnufih wara d-data li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim.

Artikolu 29

TERMINAZZJONI

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ sakemm jiġi tterminat minn Stat Kontraenti. Kull wieħed mill-Istati Kontraenti jista' jittermina l-Ftehim, permezz tal-kanali diplomatiċi, billi jagħti avviż ta' terminazzjoni bil-miktub mill-inqas sitt xhur qabel l-aħħar ta' xi sena kalendarja li tibda wara li jintemm perjodu ta' ħames snin mid-data ta' meta jidħol fis-seħħ il-Ftehim. F'dak il-każ, il-Ftehim għandu jieqaf milli jkollu effett dwar taxxi fuq l-*income* li jinkisbu matul xi sena kalendarja jew perjodu ta' kontijiet, skont kif ikun il-każ, li tibda fi jew wara wara l-ewwel jum ta' Jannar li jaħbat minnufih wara d-data li fiha jingħata l-avviż.

B'xiehda ta' dan is-sottoskritti, li huma awtorizzati kif imiss, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul f'Baku dan id-29 jum ta' April 2016 in duplikat fl-ilsien Ingliż uAżerbajġani, biż-żewġ testi jkunu awtentiċi ndaqs.

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 2384

George W. Vella Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta	Elmar Mammadyarov Għall-Gvern tar-Repubblika tal- Ażerbajġan

---

PROTOKOLL

Filwaqt tal-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan għall-Evitar ta' Taxxa Doppja u l-Prevenzjoni ta' Evażjoni Fiskali dwar Taxxi fuq l-*Income*, iż-żewġ partijiet ftehmu fuq il-dispożizzjonijiet li ġejjin, li jiffurmaw parti integrali mal-Ftehim:

AD Artikolu 10:

B'konnessjoni mal-Artikolu 10 (Dividendi) paragrafu 2:

a) hu mifhum li fil-każ ta' Malta l-espressjoni "l-ammont gross tad-dividendi" tfisser id-dividendi f'idejn l-azzjonisti li jiġu *grossed up*, għall-għanijiet ta' tassazzjoni skont il-liġi ta' Stat Kontraenti, bit-taxxa mħallsa mill-kumpannija fuq il-profitti li minnhom dak id-dividend jkun tħallas. L-ammont tat-taxxa li bih id-dividendi jkunu *grossed up* ikun fl-istess proporzjon għat-taxxa fuq il-profitti tal-kumpannija bħalma d-dividendi inkwistjoni, kif *grossed up*, ikunu għall-ammont sħiħ tal-profitti tal-kumpannija li minnhom issir id-distribuzzjoni;

b) meta l-liġijiet ta' Stat Kontraenti jipprovdu għad-disponibbiltà ta' ħelsien ta' taxxa *underlying,* id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 (Eliminazzjoni ta' Taxxa Doppja) għandhom ikunu applikabbli f'dak l-Istat Kontraenti meta l-Istat Kontraenti l-ieħor jagħmel użu mill-*offset* imsemmi f'dak il-paragrafu. Meta l-ħelsien ta' taxxa *underlying* ma tkunx hekk disponibbli, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 (Eliminazzjoni ta' Taxxa Doppja) ma jistgħux jiġu applikati.

B'xiehda ta' dan is-sottoskritti, li huma awtorizzati kif imiss, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul f'Baku dan id-29 jum ta' April 2016 in duplikat fl-ilsien Ingliż u Ażerbajġani, biż-żewġ testi jkunu awtentiċi ndaqs.

George W. Vella Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta	Elmar Mammadyarov Għall-Gvern tar-Repubblika tal- Ażerbajġan

---